MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 953/2005

**Mobisle Communications Limited
C24655**

**Vs**

**Gemma Bernice Cassar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija w erbghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm540.26c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuta skond Client Contract Number 2104 in rigward ghal servizzi lilha rezi u dana fix-xhur bejn Mejju 2004 u Novembru 2004.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta' Cessjoni tas-sorte pprezentata fis-6 t'Ottubru, 2005 li biha s-socjeta' attrici cediet l-atti tal-kawza izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra l-Kapitolu fuq il-kap ta' l-ispejjez li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici koncernanti l-kap ta' l-ispejjez tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------